# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2133

Każ Nru 2910/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Olaf Woods

u

Vivaldi Hotels Operations Ltd

Data: 14 ta' Marzu 2012

dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors magħmul mill-Avukata Joanne Vella Cuschieri, f'isem ir-Rikorrent Olaf Woods fejn ġie allegat illi fit-2 ta' Jannar 2011 huwa kien ġie liċenzjat illegalment minn mas-Soċjetà Intimata Vivaldi Hotels Operations Ltd. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata mill-Avukata Josette Grech tiċħad dan. Inżammu seba' seduti.

Ai termini ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba n-numru ta' seduti kif ukoll in-numru ta' xhieda li deheru ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Kaz

Ir-Rikorrent kien jaħdem fuq kuntratt indefinit *part time* bħala *Night Auditor* fil-lukanda Golden Tulip Vivaldi Hotel. Fit-2 ta' Jannar 2011 ġie infurmat mill-*Front Office Manager* biex ma jidħolx għax-xogħol għad li kien imniżżel fir-*roster* tal-ġimgħa li kien imiss. Qallu wkoll illi kien se jibgħat għalih u li kellu struzzjonijiet mill-*General Manager* biex jibda jidħol jaħdem bil-lejl mhux b'inhar. Għadda ż-żmien u ma bagħtux għalih. Fil-bidu ta' Frar 2011 bagħat għalih l-istess *Front Office Manager* li qallu biex jiffirma ittra ta' riżenja. Huwa rrifjuta. Ftit ġranet wara rċieva ittra datata 29 ta' Jannar 2011 mill-ETC fejn ġie indikat li kien irriżenja b'effett mit-2 ta' Jannar 2011. Il-paga dovuta lilu ma ġietx imħallsa għaliex il-ħlas kellu jsir hekk kif jiffirma l-ittra ta' riżenja.

Is-Soċjetà Intimata tgħid illi r-Rikorrent kien infurmaha li ma satax jibqa jaħdem bil-lejl. Bħala bona volontà s-Soċjetà Intimata ppruvat tagħtih xi siegħat xogħol matul il-jum għad li t-titolu tal-post ma dbiddilx minn *Night Auditor*. Tgħid li fi Frar 2011 kellha l-ħtieġa li r-Rikorrent jerġa jkompli x-xogħol tiegħu bil-lejl skond il-kariga li kellu. Ir-Rikorrent irrifjuta u għalhekk is-Soċjetà Intimata ħadet deċiżjoni li titterminalu l-impieg. Tgħid ukoll illi huwa kien qed jonqos li f'okkażjonijiet differenti jobdi istruzzjonijiet lilu mogħtija. Is-Soċjetà Intimata tgħid li niżżlet fil-formula tal-ETC li kien irriżenja biex ma tirriflettix ħażin fir-*records* tar-Rikorrent.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Propju fil-ħin konklussivi tal-s-seba' u l-aħħar seduta s-Soċjetà Intimata ssottomettiet li skond l-Avviż Legali Nru 427 tal-2002 r-Rikorrent bħala *part timer* ma kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet hemm imniżżla biex jiġi quddiem it-Tribunal Industrijali. Kwistjoni proċedurali tali kellha bilfors tiġi sollevata fil-bidu tas-smiegħ, *in limine litis,* u ċertament mhux fit-tmiem tas-smiegħ. Għaldaqstant it-Tribunal mhux fi ħsiebu jieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni.

It-Tribunal kellu quddiemu żewġ allegazzjonijiet biex jissostanzjaw il-liċenzjament tar-Rikorrent cioe' ir-rifjut tiegħu li jaħdem fis-siegħat ta' bil-lejl kif kien kontrattwalment marbut li jaħdem, u nuqqas ta' ubbidjenza ta' struzzjonijiet mogħtija lilu. Il-piż ta' prova ta'

dan kien a karigu tas-Soċjetà Intimata. Għal dik li hija l-ewwel akkuża jirriżulta bl-iktar mod ċar illi r-Rikorrent kien mitlub jaħdem għal tul ta' żmien f'xi waħda mix-xiftijiet li mhumiex

ta' bil-lejl dejjem skond l-eżiġenzi tal-lukanda. Jgħid li ġieli talab li jaħdem matul il-jum iżda fil-maġġoranza tal-każi kien ġie mitlub hu biex jaħdem fil-għodu. L-asserzjoni li s-Soċjetà Intimata fir-Risposta tagħha fir-Rikors tas-6 ta' Mejju 2011 li fi Frar 2011 offriet lir-Rikorrent li jerġa jaħdem bil-lejl kif kien dovut skond il-kuntratt tax-xogħol tiegħu tikkuntrasta ma' dak li xehed ir-Rikorrent li f'dik il-laqgħa kienu talbuh jiffirma ittra ta'riżenja u mhux li jerġa jibda jaħdem bil-lejl. Dan sostanzjat mill-fatt li l-ittra tal-ETC tad-29 ta' Jannar 2011 turi li f'dik il-ġurnata jekk mhux qabel is-Soċjetà Intimata kienet ġa ddeċidiet il-liċenzjament tiegħu u nfurmat lill-ETC li r-Rikorrent kien irriżenja. Allura kif fil-bidu tax-xahar ta' wara kienet qed terġa tgħidlu jkompli jidħol jaħdem?

Dwar l-allegat nuqqas ta' ubbidjenza ta' struzzjonijiet ma ingħatawx provi. Iżda matul is-seba' seduti kien hemm allużjoni kontinwa u persistenti għal inċident li ġara fil-lukanda il-Ħadd 2 ta' Jannar 2011. Dakinhar ir-Rikorrent kien xogħol fil-*front desk* tal-lukanda u wara nosinhar żewġ *guests* Libjani li kellhom jitilqu iżda talbu li jtawwlu l-*booking* tagħhom fil-lukanda**.** Dan kien jirrikjedi li jkun hemm ħlas bil-quddiem jew garanzija ta' pagament mill-Ambaxxata Libjana biex jistgħu jibqgħu hemm. Affaċċjat minn din il-problema r-Rikorrent wara li inutilment ipprova jaqbad ma' l-Ambaxxata Libjana bit-telefon peress li kien il-Ħadd informa lid-*Duty Manager***.** Dana qallu biex jikkuntattja lill-*General Manager* bit-telefon. Ir-Rikorrent għamel hekk u dan beda jgħajjat miegħu u sabbatlu it-telefon. Iktar tard r-Rikorrent bagħat *email* lill-istess *General Manager*. Jidher li l-isforzi li għamel ir-Rikorerent biex isolvi din il-problema mhux biss sfaw fix-xejn iżda fissret il-liċenżjament tiegħu għaliex minn dakinhar ma ħadimx iktar f'din il-lukanda. Minn dak li sama' it-Tribunal ma jirriżulta bl-ebda mod li dan l-inċident kien ifisser nuqqas ta' ubbidjenza tar-Rikorrent. Anzi juri li r-Rikorrent flok li tafa' kollox f'ħoġor id-*Duty Manager* uża l-isforzi kollha tiegħu biex jipprova jsolvi problema għal-Lukanda. Ma ġiex pruvat li dan l-inċident kien il-kawża immedjata tal-liċenzjament tiegħu iżda ċ-ċirkostanzi u l-istess *timing* jindikaw li l-*General Manager* ħassu urtat sewwa li ġie kuntattjat mir-Rikorrent. Il-komportament tar-Rikorrent f'dan l-inċident kien wieħed korrett u sgur li ma satax jiġi interpretat bħala nuqqas ta' ubbidjenza ta' l-ordnijiet tas-superjuri tiegħu.

It-Tribunal ma jistax ma jikkummentax fuq il-fatt li l-formula tat-tmiem ta' l-impieg *ex admissis* ma kienitx mimlija b'mod veritier, allegatament biex ir-Rikorrent ma jkunx jidher f'dawl ikraħ. Kemm il-darba dan it-Tribunal qal li formoli bħal dawn huma dokument importanti ta' entità pubblika u jridu jiġu mimlija b'mod korrett. Fin-nuqqas ta' dan jista jkun hemm konsegwenzi serji.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jsib li r-Rikorrent Olaf Woods ġie liċenżjat minn mas-Soċjetà Intimata Vivaldi Hotels Operations Limited għal raġuni li la hija ġusta u lanqas suffiċjenti.

**5. Rimedju**

Wara li ra l-Artikolu 81 tal-Kap 452 it-Tribunal Industrijali jordna li r-Rikorrent Olaf Woods għandu: (1) mhux iktar tard mit-2 ta' April 2012 jingħata lura l-post ta' *Night Auditor* mas-Soċjetà Intimata Vivaldi Hotel Operations Limited bl-istess kundizzjonijiet li kellu qabel ma ġie liċenzjat, u (2) immedjatament jitħallas is-somma ta' €2500 (elfejn u hames mitt ewro) bħala kumpens.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**6. Drittijiet**

Għall-iskop tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal Industrijali jillikwida d-drittijiet pagabbli lil kull min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull waħda.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-Segretarju